MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 389/2009

**Vella Group Limited (C22149)**
**vs**
**MCCF Projects Limited (C33281) u**
**Charlotte Ciantar (ID 234578M)**
**flimkien u in solidum bejniethom**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mis-socjeta' attrici fit-22 ta' April, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

(1) Illi b'kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Marco Buttigieg fid-19ta' Jannar 2009 kopja ta' liema kuntratt qed jigi hawn anness u mmarkat bhala dokument A is-socjeta' intimata kkostitwiet ruhha a favur tas-socjeta' rikorrenti veru certa u likwida debitrici fis-somma ta' EURO 213,260 (mitejn u tlettax il-elf u mitejn u sittin Euro) fuq liema somma kellhom jiddekorru l-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija

(8%) mid-data tal-att fuq imsemmi sad-data tal-pagament effettiv.

(2) Illi permezz tal-istess kuntratt l-intimata l-ohra Charlotte Ciantar kienet dahlet garanti solidali flimkien mas-socjeta' MCCF Projects Limited ghall-obbligazzjonijiet kollha li assumiet l-imsemmija socjeta' fl-istess kuntratt.

(3) Illi l-partijiet kienu qabblu, kif jidher mill-istess kuntratt illi s-socjeta' intimata kienet obbligata tirrestitwixxi lis-socjeta' rikorrenti d-debitu minnha assunt permezz ta' pagamenti mensili konsekuttivi u ininterrotti fis-somma ta' EURO 5,000 (hamest elef euro) kull wahda, l-ewwel pagament ikun dovut fil-31ta' Jannar tas-sena kurrenti u kull l-ahhar tax-xahar ta' kull xahar sussegwenti sakemm tigi mhallsa s-somma intiera dovuta u l-imghaxijiet relattivi.

(4) Illi inoltre l-partijiet kienu ftehmu illi f'kaz li s-socjeta' debitrici kellha tonqos milli thallas puntwalment anke pagament wiehed mensili jew ammont iehor ekwivalenti ghal pagament wiehed u kellha tibqa' hekk moruza ghall-perjodu ta' hmisatx il-gurnata, allura kellha titlef il-beneficcju tat-terminu lilha moghti u l-bilanc tad-debitu flimkien mal-imghaxijiet dovuti jsiru pagabbli minnufih.

(5) Illi sabiex tiggarantixxi l-hlas puntwali tas-somma mislufa u tal-imghaxijiet dovuti u tat-twettiq tal-obbligu taghha naxxenti mill-imsemmi kuntratt, is-socjeta' debitrici kienet ikkostitwiet favur is-socjeta' rikorrenti ipoteka generali fuq il-beni kollha taghha, prezenti u futuri kif ghamlet ukoll l-intimata Charlotte Ciantar dejjem kif jidher mill-kuntratt hawn anness.

(6) Illi mid-data ta' meta gie ppubblikat il-kuntratt sallum is-socjeta' intimata hallset biss pagament wiehed mensili ta' EURO 5,000 (hamest elef Euro) u cioe dak li skada fil-31ta' Jannar 2009 u kienet moruza, kif ghadha sallum fil-pagamenti li skadew fit-28ta' Frar 2009 u fil-31ta' Marzu 2009 u baqghet hekk moruza fiz-zewg pagamenti ghal izjed minn hmistax il-gurnata sabiex skatat il-kundizzjoni miftehma fil-kuntratt illi s-socjeta' debitrici tilfet il-

beneficcju tat-terminu lilha moghti ghal hlas rateali biex b’hekk illum hija dovuta s-somma intiera hlief ghas-somma ta’ EURO 5,000 (hamest elef Euro) li lahqet hallset u dan bl-imghaxijiet legali relattivi mid-data tal-kuntratt sad-data tal-pagament effettiv.

(7) Illi s-socjeta’ intimata giet interpellata tonora l-obbligazzjonijiet minnha assunti fl-imsemmi kuntratt anke permezz tal-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru li gie intavolat kontra taghha fit-2ta’ April 2009, mandat ta’ sekwestru numru 563/09 pero’ b’dana kollu baqghet u ghadha sallum inadempjenti.

(8) Illi fil-fehma tas-socjeta’ rikorrenti dan id-debitu huwa cert likwidu u skadut u fil-fehma taghhom l-intimati flimkien u in solidum bejniethom m’ghandhom ebda eccezzjoni x’jressqu ghat-talba ta’ hlas tas-socjeta’ rikorrenti.

(9) Illi s-socjeta’ rikorrenti tiddikjara li taf bil-fatti hawn fuq spjegati personalment tramite d-diretturi u ufficjali taghha.

Talbet lill-konvenuti ghar-ragunijiet premessi u dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u prevja s-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jghidu ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

(1) tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta’ intimata u l-intimata l-ohra Charlotte Ciantar bl-inadempjenza da parti taghhom jew min minnhom li jhallsu puntwalment u kif imsemmi fil-kuntratt hawn anness il-pagament dovut fit-28ta’ Frar 2009 kif ukoll il-pagament dovut fil-31ta’ Marzu 2009, it-tnejn fl-ammont ta’ EURO 5,000 (hamest elef Euro) il-wiehed u bi ksur tal-obbligi minnhom assunti fl-imsemmi kuntratt li ma jkunux moruzi ghal aktar minn hmistax il-gurnata mid-data ta’ meta kien dovut anke pagament mensili wiehed biss, tilfu l-beneficcju tal-hlas rateali lilhom moghti kif hemm miftiehem fil-kuntratt u kwindi llum l-ammont kollu indikat fl-imsemmi kuntratt hlief ghas-somma ta’ EURO 5,000 (hamest elef Euro) imhallsa

relattivament ghal pagament dovut f'Jannar 2009 huwa dovut f'daqqa u bl-imghaxijiet tat-8% dovuti kif imsemmija fl-istess kuntratt.
(2) konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' intimata u l-intimata l-ohra Charlotte Ciantar flimkien u in solidum bejniethom huma debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' EURO 208,260 (mitejn u tmint elef, mitejn u sittin Euro) sorte u cioe s-somma imsemmija fil-kuntratt dokument A imnaqqsa bis-somma ta' EURO 5,000 (hamest elef Euro) ekwivalenti ghal pagament dovut sal-31ta' Jannar 2009 u debitament imhallas, flimkien mal-imghaxijiet tat-8% fuq il-bilanc imsemmi ta' EURO 208,260 (mitejn u tmint elef, mitejn u sittin Euro) mill-1ta' Frar 2009 sad-data tal-pagament effettiv.
(3) tikkundanna lis-socjeta' intimata u l-intimata l-ohra Charlotte Ciantar flimkien u in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma fuq indikata ta' EURO 208,260 mitejn u tmint elef, mitejn u sittin Euro) flimkien mal-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma mill-1ta' Frar 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra z-zewg intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u id-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha irriduciet it-talba bis-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) sabiex is-somma dovuta illum hija ta' mitejn u tlett elef mitejn u sittin ewro (€203,260);

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuti li permezz taghha ammettew it-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta fis-somma ta' mitejn u tlett elef mitejn u sittin ewro (€203,260);

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talbiet dedotti fir-rikors guramentat, bl-ammont kif ridott, jirrizultaw ippruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' tilqa t-talba attrici kif ridotta u hekk tikkundanna lill-konvenuti

flimkien u in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma kif ridotta ta' mitejn u tlett elef mitejn u sittin ewro (€203,260) flimkien mal-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma mill-1 ta' Frar 2009 sad-data tal-pagament effettiv;
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------